# 141. Portofino

***Lil wieħed ħabib tiegħi***

Niftakar
id-djar imlewna
ma' xatt il-baħar;
fuqhom
is-siġar jixxabbtu
mal-għolja;
il-frejgatini
jitbandlu
mar-raġġi tax-xemx fuq il-baħar;
u 'l hemm mill-blu,
in-naħa l-oħra
tad-daħla
issaħħar fil-bogħod.

U qalb din il-ħlewwa
niftakar
wiċċ samrani
u għajnejn suwed,
mimlija dija
ta' tfajla qiegħda tgħid il-kliem "nħobbok".

Ja Żmien,
tista' tisraqli
id-dawl t'għajnejja
u s-smigħ ta' widnejja,
'mma qatt ma tieħu
minn qalbi l-għaxqa
tat-tifkira
ta' Portofino.